V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9804 — Saudi Aramco Development/Baker Hughes/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 123/14)

1. Fit-3 ta' April 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Saudi Aramco Development Company ("SADCO", l-Arabja Sawdija),

— Baker Hughes Company ("BHC", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Kumpanija joint venture maħluqa ġdida (il-"JV Proposta", l-Arabja Sawdija).

Saudi Aramco Development Company ("SADCO", l-Arabja Sawdija) u Baker Hughes Company ("BHC", l-Istati Uniti tal-Amerka) jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' kumpanija joint venture li għad trid tinħoloq (il-"JV Proposta", l-Arabja Sawdija).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma. SADCO u BHC għandhom il-ħsieb li kull waħda minnhom tixtri 50 % tal-kapital tal-ishma tal-JV Proposta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SADCO: esplorazzjoni, produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' żejt mhux maħdum u, f'livell inqas, produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti raffinati u petrokimiċi;

— BHC: provvista ta' prodotti integrati mill-bjar taż-żejt u servizzi għall-iżvilupp upstream, midstream u downstream taż-żejt u l-gass.

— il-JV Proposta: produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti mhux metalliċi/composite biex jintużaw f'applikazzjonijiet taż-żejt u l-gass.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9804 — Saudi Aramco Development/Baker Hughes/JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË